# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018**

**Numru 11**

**Ċitazzjoni numru 187/00 PC**

**John Muscat u Pawlu Portelli**

**v.**

**Emmanuel Portelli**

**Preliminari:**

**1.** Dawn huma żewġ appelli ad istanza tal-atturi John Muscat u Pawlu Portelli:

(i) wieħed mid-digriet tas-27 ta' April 2004 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u minn "*kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza l-istess digriet*

*rigwardanti sfilz tal-aċċess*"; u

(ii) l-ieħor mis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

**2.** Permezz ta' dawn l-appelli l-atturi qed jitolbu lil din il-qorti:

(i) tħassar, tannulla u tirrevoka d-digriet tas-27 ta' April 2004 u kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza; kif ukoll

(ii) tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2016 billi tiċħad l-eċċezzjonijiet *in toto* u dana taħt dawk il-provvedimenti li din il-qorti jista' jidhrilha xierqa u opportun skont il-każ u tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi appellanti.

(iii) bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut appellat.

## 1. L-APPELL MID-DIGRIETI

**3.** Għal intendiment aħjar tal-appell tal-atturi fir-rigward tad-digriet tas-27 ta' April 2004 u fir-rigward ta' "*kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza l-istess digriet rigwardanti sfilz tal-aċċess*", din il-qorti hi tal-fehma li jkun opportun fl-ewwel lok li tagħti sfond kronoloġiku fir-

rigward:

**<u>20.02.2003</u> <u>Inżammet seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju</u>**[1]**.** Preżenti kien hemm l-atturi assistiti minn Dr Anton Refalo, u l-konvenut mhux assistit. Saviour John Vella (xhud tal-konvenuti) waqt li kien qed jiġi kontro-eżaminat minn Dr Refalo, xehed illi il-ġurnata ta' qabel, fis-2.00pm huwa ra n-ngħaġ fil-passaġġ. Dr Anton Refalo, id-difensur tal-atturi, iddikjara li huwa stess il-ġurnata ta' qabel għall-ħabta tal-5.00pm mar personalment u la ra ngħaġ fil-passaġġ u lanqas ħmieġ tagħhom. Huwa insista mal-Assistent Ġudizzjarju li jmorru dakinhar stess fuq il-post bl-assistenza tal-Marixxall, sabiex jikkonstata huwa stess il-verita` tal-fatti.

**<u>20.02.2003</u> <u>Inżamm aċċess spontanju mill-Assistent Ġudizzjarju fuq l-post</u>**[2] fil-preżenza tal-atturi u d-difensur tagħhom u l-marixxall. (L-Assistent Ġudizzjarju ikkonstata illi mit-terren kif kien jinsab ma kienx hemm evidenza li l-jum ta' qabel kien hemm xi ngħaġ. Ikkonstata wkoll illi x-xatba li tinfetaħ għal fuq il-passaġġ kellha ħafna ħafna ħaxix u ħurrieq wieqaf, li jindikaw li x-xatba ilha ma tinfetaħ).

**<u>24.02.2003</u> <u>Rikors tal-konvenut</u>**[3] fejn ilmenta illi fl-20 ta' Frar 2003 mingħajr ma kien preżenti hu, l-Assistent Ġudizzjarju, mingħajr ebda

[1] Verbal tas-seduta, fol 183-184
[2] Verbal tal-aċċess, fol 184
[3] Rikors tal-konvenut tal-24.02.2003, fol 185

awtorizzazzjoni daħal fil-fond proprjeta` tiegħu flimkien mal-atturi u d-difensur tiegħu. Talab għalhekk lill-qorti tiddikjara li l-aġir tal-Assistent Ġudizzjarju kien abbużiv u illegali u li dak li sar jiġi rimedjat.

**<u>01.08.2003</u>** **<u>Digriet tal-Qorti</u>**[4] (fir-rigward tar-rikors tal-24.02.2003) li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tal-verbal dwar l-aċċess:

> "*Il-Qorti,*
>
> "*Rat ir-rikors u r-risposta relattiva,*
>
> "*Rat ukoll il-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju tagħha dwar is-seduta in kwistjoni.*
>
> "*Billi l-Assistent Ġudizzjarju bl-ebda mod ma kien ġie awtorizzat iżomm l-aċċess imsemmi, tiddikjara l-aġir tiegħu abbużiv u illegali u konsegwentement tordna l-isfilz tal-verbal tal-istess aċċess minn dawn l-atti…..*".

**<u>01.04.2004</u>** Waqt seduta tal-qorti, Dr Anton Refalo, il-legali tal-atturi, in vista tal-fatt li ċ-ċirkostanzi tal-aċċess inqalgħu meta kien diġa spiċċa l-provi tiegħu, talab li jkun jista' jtella' lix-xhieda kollha opportuni sabiex issir il-prova dwar x'raw il-partijiet meta marru għall-aċċess.

**<u>16.04.2004</u>** **<u>Rikors tal-konvenut</u>**[5] fejn fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex itella' iktar xhieda, huwa talab li din ma tiġix milqugħa fid-dawl tal-fatt li kienet il-qorti stess li sfilzat l-inkartament kollha tal-aċċess in vista tal-fatt li rat li kien sar b'mod irregolari.

---

[4] Digriet tal-Qorti tal-01.08.2003, fol 185 (tergo)
[5] Rikors l-konvenut tas-16.04.2004, fol 235

**27.04.2004** **Digriet tal-Qorti**[6] (fir-rigward tar-rikors tal-konvenut tas-16.04.2004 li fih oppona għat-talba li għamlu l-atturi waqt is-seduta tal-Qorti tal-01.04.2004) fejn irriteniet illi:

> "*…Billi hija ġia sfilzat l-atti kollha li saru waqt l-aċċess in kwistjoni, billi ma kienx awtorizzat minnha, u għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni ta' ebda ħaġa li ġrat waqt l-istess aċċess.*
>
> "*Tiċħad it-talba għall-produzzjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri għax-xhieda indikati fil-verbal tal-legali tal-attur tal-1 ta' April 2004*".

**03.05.2004** **Rikors ulterjuri tal-atturi**[7] fejn b'riferenza għad-digriet tagħha tas-27.04.2004 talbu lill-qorti tiddekreta bil-miftuħ dwar it-talba tagħhom għall-ammissjoni tax-xhieda minnhom rikjesti biex b'hekk tiġi esegwita l-proċedura dettata fl-Artikolu 229(3) tal-Kap 12.

**28.05.2004** **Digriet tal-Qorti**[8] (fir-rigward tar-rikors ulterjuri tal-atturi tat-03.05.2004) fejn wara li kkonfermat fid-digriet preċedenti tagħha tas-27 ta' April 2004 u ddikjarat li ma kienitx ser tippermetti lill-atturi jerġgħu jiftħu l-provi tagħhom, osservat illi a tenur tal-Art. 229(1)(d) digriet simili huwa appellabbli biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata fil-qorti bil-miftuħ.

**09.06.2004** **Rikors tal-atturi**[9] fejn reġgħu talbu lill-qorti tawtorizzahom jixhdu mill-ġdid, u li jtellgħu ukoll bħala xhieda lil Dr Anton Refalo, lill-

[6] Digriet tal-Qorti tas-27.04.2004, fol 239
[7] Rikors ulterjuri tal-atturi tat-03.05.2004, fol 240
[8] Diġriet tal-Qorti tat-28.05.2004, fol 245
[9] Rikors tal-atturi tad-09.06.2004, fol 246-248

Assistant Ġudizzjarju, lill-Marixxall Joe Curmi, u dan sabiex jixhdu dwar x'kienu raw effettivament dakinhar tal-aċċess sabiex tkun tista' tiġi kkontrollata u kkorroborata x-xhieda mogħtija mix-xhieda tal-konvenuti.

**<u>19.07.2004</u> <u>Digriet tal-Qorti</u>**[10] (fir-rigward tar-rikors tal-atturi tad-09.06.2004) fejn wara li fakkret li kienet "*diġa għamlitha ċara li ma kienitx ser tippermetti li jitressqu ebda provi dwar dak li seta' seħħ waqt aċċess li ma kienx awtorizzat minnha*", ċaħdet it-talba.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi fir-rigward tad-digriet tas-27 ta' April 2004 u "*kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza l-istess digriet rigwardanti sfilz tal-aċċess*"</u>**

**4.** L-attur jgħidu li jħossuhom aggravati mid-digriet tas-27 ta' April 2004 u minn "*kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza l-istess digriet rigwardanti sfliz tal-aċċess*".

**5.** Huma jispjegaw illi l-ewwel Qorti fis-27 ta' April 2004 għamlet referenza "*għal digriet preċedenti dwar l-isfilz tal-atti kollha ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Frar 2003 li saru waqt l-aċċess billi dan ma kienx awtorizzat minnha. Dan id-digriet li għalih jagħmel riferenza dwar l-isfilz tal-aċċess ma jeżistix fil-proċess, madanakollu l-esponenti jħosshom*

[10] Digriet tal-Qorti tad-19.07.2004, fol 253

*aggravati mid-deċiżjoni tal-isfilz kif ukoll mid-deċiżjoni tad-digriet tal-24*[11] *ta' April 2004*".

**6.** Huma jgħidu li lura fit-22 ta' Marzu 2001[12] l-ewwel Qorti kienet ordnat li l-provi kellhom jinġabru mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Aaron Attard Hili, u jgħidu illi meta fl-20 ta' Frar 2003, wara d-depożizzjoni li kien qed jagħti x-xhud Saviour John Vella, l-Assistent Ġudizzjarju dakinhar stess mar fuq il-post u żamm aċċess ma kien qed jagħmel xejn li ma kienx awtorizzat li jagħmel, għaliex permezz tad-digriet tat-22 ta' Marzu 2001 huwa kien awtorizzat jiġbor il-provi. Ikomplu jargumentaw illi r-rwol ta' assistent ġudizzjarju huwa simili ħafna għal dak ta' espert legali li jinkludi wkoll ir-rwol li jagħmel l-aċċessi.

**7.** Għaldaqstant huma ma jaqblux li "l-*atti relatati mal-aċċess kellhom jiġu sfilzati mill-proċess"*, anzi għall-kuntrarju jargumentaw illi dawn kellhom ikunu prova biex iwasslu lill-ġudikant f'konvinċiment morali dwar l-istat ta' fatt tal-oġġett mertu tal-kawża.

**8.** Barra li ħassew ruħhom aggravati b'dan id-digriet fejn l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-atti relatati mal-aċċess, (li skont huma ma jeżistix fil-proċess), jgħidu li ħassew ruħhom ukoll aggravati b'digriet sussegwenti tagħha tal-27 ta' April 2004, fejn in vista tal-fatt li kienet

[11] Jidher li erronjament kitbu 24 ta' April 2004 flok 27 ta' April 2004
[12] Jidher li erronjament kitbu 22 ta' Marzu 2001 flok 23 ta' Marzu 2001

ordnat li jiġu sfilzati l-atti relatati mal-aċċess, ċaħdet it-talba tal-atturi sabiex tawtorizzahom itellgħu xhieda opportuni biex jixhdu dwar dak li osservaw dakinhar tal-aċċess.

**<u>Risposta tal-konvenut fir-rigward tal-appell tal-atturi mid-digriet tas-27 ta' April 2004 u "*kwalunkwe digriet ieħor li għalih jagħmel riferenza l-istess digriet rigwardanti sfilz tal-aċċess*"</u>**

**9.** Fir-risposta tiegħu rigwardanti dan l-appell tal-atturi mill-imsemmija digrieti, il-konvenut isostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ordnat l-isfilz tal-provi miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju waqt l-aċċess. Huwa jaċċenna għall-fatt li l-Assistent Ġudizzjarju laqa' t-talba ta' waħda mill-partijiet (l-atturi) sabiex jagħmel l-aċċess meta lanqas biss talab l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex jagħmel dan. Jargumenta illi mhux minnu li r-rwol ta' espert legali huwa simili għal dak ta' Assistent Ġudizzjarju u dan għaliex filwaqt li l-espert legali meta jingħata l-inkarigu ikollu l-awtorizzazzjoni li jisma' u jiġbor il-provi kollha u wkoll li jirrelata fuq dak li jkun sema' u ġabar, dan mhux il-każ meta si tratta ta' Assistent Ġudizzjarju.

**10.** Dwar l-aggravju fir-rigward tad-digriet tal-27 ta April 2004 li permezz tiegħu l-qorti ċaħdet it-talba għall-produzzjoni ta' xhieda ulterjuri, ma kkummenta xejn.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti fir-rigward tal-appell tal-atturi mid-digrieti msemmija**

**11.** Fl-ewwel lok kif wieħed jista' jara mill-kronoloġija tal-verbali, rikorsi u digrieti elenkati minn din il-qorti (ara *supra*), id-digriet li permezz tiegħu l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz, effettivament jeżisti fil-proċess (kuntrarjament għal dak li jgħidu l-atturi) u huwa dak datat 1 ta' Awwissu 2003 li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-folio 185.

**12.** Fit-tieni lok, jiġi ppreċiżat illi f'tali digriet l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-verbal tal-imsemmi aċċess, li effettivament jifforma parti mill-verbal tas-seduta li nżammet dakinhar stess. Dik il-parti tal-verbal tal-20 ta' Frar 2003 li tirreferi għall-aċċess u għall-konstatazzjonijiet li osserva l-Assistent Ġudizzjarju waqt tali aċċess, a distinzjoni mill-bqija tal-verbal, hija indikata b'kitba korsiva (*italics*).

**13.** Kif jispjegaw l-atturi, l-inkarigu mogħti lill-Assistent Ġudizzjarju fit-23 ta' Marzu 2001 kien sabiex huwa jiġbor il-provi. Tqum il-kwistjoni għall-finijiet ta' dan l-appell, dwar jekk dak li għamel l-Assistent Ġudizzjarju dakinhar tal-20 ta' Frar 2003 sarx fil-limiti tal-inkarigu mogħti lilu.

**14.** L-Artikolu 97A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-funzjonijiet tal-assistent ġudizzjarji jinkludu dan li ġej:

*(a) li jassistu fil-proċess ġudizzjarju u fuq talba tal-qorti li jipparteċipaw fil-proċedimenti li jkunu pendenti quddiem qorti, magħdud kull xogħol ta' riċerka jew xogħol ieħor meħtieġ għaldaqshekk, u sabiex iwettqu dawk id-dmirijiet u jħaddmu dawk is-setgħat li huma jistgħu jkunu meħtieġa jew awtorizzati li jwettqu minn dik il-qorti;*

*(b) li jagħtu ġuramenti;*

*(c) li jieħdu x-xhieda ta' kull persuna li tinġieb b'xhud waqt kull proċediment;*

*(d) li jieħdu kull affidavit fuq kull ħaġa, inkluża ħaġa li jkollha x'taqsam ma' kull proċedimenti li jkunu ttieħdu jew li jkun hemm il-ħsieb li jittieħdu quddiem xi qorti jew quddiem qorti jew tribunal ta' kompetenza ċivili mwaqqfa b'liġi;*

*(e) li jirċievu dokumenti prodotti ma' kull xhieda, affidavit jew dikjarazzjoni, inklużi b'mod partikolari xhieda, affidavit jew dikjarazzjoni kif imsemmija f'dan il-Kodiċi;*

*(f) li jkollhom dawk is-seduti kif jiġi deċiż mill-qorti, biex jiltaqgħu mal-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet biex tiġi ppjanata t-tmexxija tal-kawża, u jistabilixxu dati għas-sottomissjoni ta' xhieda, talbiet jew atti ġudizzjarji oħra mill-partijiet.*

**15.** L-Artikolu 97A(4) jipprovdi illi:

> "*Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom l-assistenti ġudizzjarji għandhom jiġu assenjati f'qorti u għandhom jaġixxu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-qorti li quddiemha jkun hemm il-każ pendenti, u għandu, b'żieda ma' kull setgħa li jistgħu leġittimament jingħataw minn dik il-qorti, jkollhom is-setgħa li jordnaw l-attendenza ta' kull persuna sabiex tixhed jew tagħmel affidavit jew dikjarazzjoni, jew iġġib dokumenti, f'dak il-post u ħin li jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni*".

**16.** L-Artikolu 97C jipprovdi illi:

> "*…..meta fi proċedimenti quddiem assistent ġudizzjarju titqajjem xi kwistjoni dwar jew in konnessjoni mal-istess proċedimenti, il-kwistjoni għandha fl-ewwel lok tiġi deċiża mill-assistent ġudizzjarju li mingħajr dewmien però fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tlett ijiem mindu jagħti l-imsemmija deċiżjoni għandu jinforma lill-qorti biha, u d-deċiżjoni tal-assistent ġudizzjarju għandha torbot sakemm il-qorti, b'digriet, ma tiddeċidix mod ieħor*".

**17.** Għalkemm il-lista tal-funzjonjiet tal-assistenti ġudizzjarji mhix waħda eżawrijenti, u għalhekk wieħed jista' jargumenta li din tista' tinkludi anke ż-żamma ta' aċċessi, jibqa' l-fatt illi l-assistenti ġudizzjarji għandhom dejjem jaġixxu taħt id-direzzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-kontroll tal-qorti li quddiemha jkun hemm il-każ pendenti.

**18.** Din il-Qorti hi tal-fehma li l-aġir tal-Assistent Ġudizzjarju Dr Aaron

Attard dakinhar tal-20 ta' Frar 2003 meta waqt is-seduta li kienet qegħda tinżamm fl-edifiċju tal-qorti, huwa, fuq insistenza ta' waħda biss mill-partijiet, iddeċieda li jżomm aċċess dak il-ħin stess fuq l-post mertu tal-kawża fin-Nadur sabiex jiġi verifikat jekk ix-xhud Saviour John Vella, li kien qed jixhed quddiemu kienx qed jgħid il-verita`, jeżorbita sew mill-inkarigu mogħti lilu mill-qorti fl-2001.

**19.** Lanqas ma jista' jingħad li ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-Assistent Ġudizzjarju sabiex jiddeċiedi li jżomm l-aċċess jinkwadraw taħt is-sitwazzoni kontemplata fl-Artikolu 97C, pero` anke kieku kellu jitqies li hekk kien il-każ, dan l-artikolu *se mai* jirrikjedi li l-assistent ġudizzjarju minnufih għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-qorti (ħaġa li ma jidhirx li għamel f'dan il-każ) u fi kwalunkwe każ tali deċiżjoni torbot biss sakemm il-qorti, b'digriet ma tiddeċidix mod ieħor (kif fil-fatt ġara in segwitu għar-rikors li ppreżenta l-konvenut.)

**20.** Fil-fehma ta' din il-qorti, kellha ampjament raġun l-ewwel Qorti meta fid-digriet tagħha tal-1 ta' Awwissu 2003 iddikjarat li l-aġir tal-Assistent Ġudizzjarju kien abbużiv u illegali in vista tal-fatt li l-aċċess sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, u konsegwentement kienet korretta meta ordnat li l-verbal relattiv għal tali aċċess jiġi sfilzat. In oltre għandu jingħad li l-aġir tal-Assistent Ġudizzjarju ma kienx tali li seta' b'xi mod jiġi sanat, speċjalment meta wieħed iqis li l-aċċess lanqas biss sar bil-

kunsens taż-żewġ partijiet, iżda fuq insistenza ta' waħda mill-partijiet biss.

**21.** Isegwi li kienet daqstant ieħor korretta l-ewwel Qorti meta fl-27 ta' April 2004 (u anke fid-9 ta' Ġunju 2004) ċaħdet it-talba (u talba oħra ulterjuri) tal-atturi sabiex jiġu awtorizzati jipproduċu xhieda in konnessjoni ma' dak li ġie osservat fl-aċċess, u dan abbażi tal-fatt illi dak li ġie verbalizzat bħala li ġie osservat mill-Assistent Ġudizzjarju waqt l-aċċess kien ġie sfilzat fuq ordni tagħha stess.

**22.** Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi mid-digrieti tal-ewwel Qorti tal-1 ta' Awwissu 2003 u tas-27 ta' April 2004.

## 2. L-APPELL MIS-SENTENZA

**23.** Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell is-sentenza appellata qegħda tiġi riprodotta fl-intier tagħha:

**24.** L-ewwel Qorti rriteniet illi għalkemm ix-xhieda prodotti mill-atturi tennew li fl-imgħoddi l-familjari tal-atturi kienu jżommu l-annimali fil-proprjeta` akkwistata mill-atturi odjerni bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2000, u li l-attur John Muscat kien anke jiġġestixxi ħanut tax-xorb fil-kmamar li jagħtu direttament għat-triq, kollox kien jindika li l-pussess li kellhom l-

atturi ma kienx jinkludi l-maqjel u l-kamra mwaqqa' li tidħol għaliha mill-passaġġ ta' wara l-plier tal-Gvern fil-ġenb ta' Triq tad-Duru. Għalhekk ikkonkludiet li kien jonqos tal-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa biex tkun tista' tirnexxi din il-kawża ta' spoll, u cioe` l-element tal-pussess. Konsegwentement ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Mejju 2016</u>**

**25.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti. Jilmentaw illi l-ewwel Qorti, fl-analiżi tagħha, ħalliet barra provi u dettalji sinifikanti, u li bħala riżultat ta' dan hija waslet għal deċiżjoni fondalmentalment żbaljata. Huma jaċċennaw għall-fatt illi ressqu diversi xhieda sabiex jipprovaw it-tlett elementi ta' spoll (fosthom l-element tal-pussess), iżda jgħidu illi s-sentenza turi kif l-ewwel Qorti eliminat għal kollox ammont konsiderevoli ta' xhieda prodotti minnhom, jew tat interpretazzjoni ħażina tax-xhieda.

**26.** Jilmentaw illi l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta':

- Francis Muscat u John Said[13]: it-tnejn xhieda imparzjali. Jaċċennaw partikolarment għax-xhieda ta' Francis Muscat fejn qal li

[13] Din il-qorti tosserva li bid-digriet tas-6 ta' Frar 2015 l-atti tal-kawża 190/2000 ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna. Ix-xiehda ta' John Said tal-05.06.2001, u ta' Francis Muscat tat-08.05.2001 li jirreferu għall-mertu tal-kawża 187/2000 jinsabu fl-atti tal-kawża 190/2000

sena qabel (ix-xhieda tiegħu) huwa kien mar jixtri l-fniek mingħand l-attur John Muscat u għadda min-naħa tal-isqaq minn fejn il-plier, u li kkonferma li anke ġieli ra lin-nannu tal-atturi fuq il-post. Jgħidu li l-istess ħaġa toħroġ mix-xhieda ta' John Said.

- il-perit Carmelo Borg: xhud ieħor indipendenti. Isostnu li x-xhieda tiegħu titfa' dawl qawwi fuq l-element tal-pussess u wkoll għall-fatt li f'Ġunju 1989 kien mar fuq il-post jagħmel pjanta, u fl-imsemmija pjanta kien inkluda l-ambjenti in kwistjoni.

- l-avukat Dr Anton Refalo: id-difensur tagħhom. Jaċċennaw għall-fatt li dan ix-xhud kien mar fuq il-post ftit qabel ma seħħ l-ispoll u anke dakinhar tal-ispoll.

- Saviour John Vella: li in kontro-eżami kien qal li l-ġurnata ta' qabel ix-xhieda tiegħu kien ra l-bhejjem fl-ambjenti mertu tal-ispoll. Jilmentaw illi l-ewwel Qorti skartat l-aċċess li sar fuq il-post fejn jirriżulta biċ-ċar li x-xhud kien ħa ġurament falz.

- Pawlu Portelli: (mhux l-attur, iżda t-tifel ta' Salvu, ħu Ġużepp, in-nannu tal-atturi, u ħu Frenċu, missier il-konvenut). Jgħidu li mid-depożizzjoni tiegħu joħroġ ċar li l-ambjenti mertu tal-ispoll ġew okkupati riċentement "*minn erbat ijiem 'il hawn*" meta ntefa' l-bodbod. Jilmentaw

illi l-ewwel Qorti ma ċċitatx tajjeb meta qalet li dan xehed li hemm ġew dejjem lill-konvenut kien jara. Isostnu li d-depożizzjoni tiegħu hija ferm differenti.

**27.** Jargumentaw ukoll li "*anke jekk l-Onorabbli Qorti riedet tiskarta l-verżjoni tal-fatti tal-atturi appellanti u tal-konvenuti appellati minħabba kunflitt; ma setgħet qatt tiskarta r-ritratti a fol 89; fol 417 sa fol 420*". Jgħidu li r-ritratt a fol 89 huwa evidenza ċara li ma kien hemm l-ebda annimali tal-konvenut jgħixu fil-post.

**<u>Risposta tal-konvenut għall-appell tal-atturi mis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2016</u>**

**28.** Il-konvenut wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta fil-fatt u fid-dritt u li għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**29.** Jibda biex jgħid illi kif dejjem ġie ritenut, fl-għoti tas-sentenza mhux meħtieġ li l-qorti tagħmel riferenza għax-xhieda kollha li tkun semgħet, iżda hu biżżejjed li tirreferi għal dawk il-provi li jnisslu fiha l-konvinċiment morali ta' deċiżjoni lejn naħa partikolari.

**30.** Jgħid illi fil-każ odjern huwa ben evidenti li l-element tal-*possedisse* assolutament ma ġiex sodisfatt, u dan għaliex l-atturi ma

kellhomx il-pussess tal-maqjel u l-passaġġ in kwistjoni. Jispjega li dan ħareġ ċar minn diversi xhieda fosthom Joseph Portelli (li għandu proprjeta` dahar ma' dahar mal-maqjel u mal-ġenb tiegħu) kif ukoll Joseph Portelli (iben il-konvenut), kif ukoll l-istat ta' kif kienet il-bitħa magħluqa li minnha wieħed seta' jidħol għal ġol-maqjel.

**31.** Fir-rigward tal-perit Carmelo Borg, jaċċenna għall-fatt li dan ix-xhud, fix-xhieda tiegħu kkorreġa l-pjanta li huwa stess kien għamel fuq dak li qalulu l-appellanti, tant li kien immarka l-bieb li minnu wieħed jidħol għal ġol-maqjel meta fil-pjanta dan il-bieb ma ndikahx u minflok indika bieb fejn fir-realta` hemm tieqa fuq il-ħajt ta' wara l-maqjel.

**32.** Iżid jgħid li l-verżjoni tiegħu (il-konvenut) kienet anke korroborata minn wieħed mill-atturi: Paul Portelli[14], li qal li kien imsiefer għal għoxrin sena, u li anke meta ġie lura ma għamilx pussess mill-maqjel jew il-passaġġ.

**33.** Fir-rigward ta' Saviour John Vella, jgħid li fl-affidavit tiegħu huwa qal li għalkemm kien ilu ma jgħaddi mill-passaġġ fejn hemm il-plier tal-Gvern mill-1986, huwa qatt ma ra lil ħadd ħlief lilu (il-konvenut) juża' l-passaġġ u l-maqjel biex irabbi l-annimali.

[14] Jidher li dan Paul Portelli pero` ma kienx l-attur, iżda Paul Portelli ieħor li jiġi bin Salvu, ħu n-nannu tal-atturi

**34.** In oltre jirreferi għax-xhieda ta' Carmen Vella, fejn qalet li sa minn meta kien għadu ħaj Frenċu Portelli (missier il-konvenut) kienet tara lilu biss juża l-maqjel u l-passaġġ, u li tiftakar tara lill-konvenut jagħlef il-bhejjem tiegħu u li qatt ma rat ħadd mill-atturi mill-plier 'l isfel.

**35.** Jaċċenna wkoll għax-xhieda ta' wliedu Mary Josephine Grima, u Joseph Portelli in kwantu kkonfermaw illi sa minn ċkunithom jafuh irabbi l-annimali fil-maqjel.

**36.** Jirreferi wkoll għax-xhieda ta' Pawlu Zerafa li xehed illi xi tletin (30) sena qabel kellu żiemel li kien ħa fil-maqjel in kwistjoni sabiex huwa (il-konvenut) joħodlu ħsiebu u li ħadd ma ġie jgħidlu li tali maqjel ma kienx tal-konvenut.

__**L-ambjenti mertu tal-allegat spoll**__

**37.** Għal intendiment aħjar ta' din il-vertenza, tad-deċiżjoni appellata, u tar-rikors u risposta tal-appell, huwa utli fl-ewwel lok li jiġu identifikati l-maqjel u l-mandra li huma l-oġġett tal-ispoll in kwistjoni, u fit-tieni lok li jiġi stabbilit fhiex jikkonsisti eżattament l-ispoll lamentat mill-atturi.

**38.** Jibda' biex jingħad illi b'kuntratt ta' donazzjoni datat 29 ta' Mejju

2000[15] fl-atti tan-Nutar Dr Silvio Hili, l-aħwa Maria Muscat u Carmelo Portelli, ulied Ġużeppi Portelli, ittrasferixxew lil uliedom John Muscat u lil Paul Portelli rispettivament (l-atturi odjerni) fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom, porzjon art imsejħa "Tax-Xini" fil-kuntrada "Tad-Duru", fi Triq tad-Duru, Nadur, bil-kejl ta' cirka 498.95mk bil-benefikati kollha ta' fuqha, liema benefikati huma bla isem, u bin-numru ħamsin (50) u xi bibien oħra bla numru. Ġie speċifikat li l-fond huwa aċċessibbli minn "*entrata komuni*" li tinsab fuq in-naħa ta' nofsinhar tal-fond u li tali entrata hija proprjeta` tad-donanti u ta' terzi, liema drittijiet fuq tali entrata ġew ukoll trasferiti. Il-proprjeta` trasferita permezz ta' tali kuntratt hija indikata fuq il-*pjanta u s-site plan*[16] annessa mal-istess kuntratt.

**39.** Il-perit Carmelo Borg fl-affidavit tiegħu[17] xehed illi f'Ġunju 1989, fuq inkarigu ta' Maria Muscat u Carmelo Portelli, kien għamel pjanta tal-proprjeta` fuq imsemmija. Tali pjanta ġiet esebita fl-atti bħala Dok CB.[18]

**40.** Din il-proprjeta` li akkwistaw l-atturi permezz tal-imsemmija donazzjoni, tinkludi, fost affarijiet oħra, mandra u maqjel, it-tnejn aċċessibbli minn passaġġ (l-imsemmija "*entrata komuni*").

---

15 Kuntratt ta' donazzjoni Dok PP1, fol 85-87
16 Site plan fol 88
17 Affidavit tal-perit Carmelo Borg, fol 65
18 Dok CB - Pjanta tal-perit Carmelo Borg, fol 66

**41.** Fiċ-ċitazzjoni l-atturi allegaw illi fis-26 ta' Awwissu 2000 il-konvenut:

(i) għalqilhom l-aċċess li kellhom minn tali passaġġ għall-mandra u għall-maqjel bil-*wire (chicken wire),* u

(ii) għalaq bil-ġebel il-bieb li mill-maqjel kien jikkonduċi għall-bqija tal-proprjeta` tagħhom (li tinsab fuq in-naħa tat-tramuntana tal-imsemmija mandra u maqjel).

**42.** L-attur John Muscat fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' April 2002[19] ippreżenta fotokopja tal-fuq imsemmija pjanta Dok CB tal-perit Carmelo Borg u mmarkaha Dok CB1.[20] Fuq tali kopja indika l-maqjel bl-ittra A u l-mandra (kamra mwaqqa') ma' ġenbha bl-ittra B u qal li t-tnejn kienu aċċessibbli minn passaġġ indikat fuq l-istess pjanta. (Jiġi spjegat li biex wieħed jaċċedi għal tali passaġġ irid jidħol mill-fetħa bejn il-plieri - indikati fuq il-pjanta Dok CB1 bl-ittra E - li jinsabu fi Triq tad-Duru, Nadur).

**43.** Fir-rigward tal-maqjel indikat bl-ittra A l-attur Muscat sostna li l-aċċess għalih kien effettivament mill-imsemmi passaġġ, u dan avolja fuq il-pjanta Dok CB tal-perit ma kienx ġie indikat li kien hemm xi fetħa fil-

[19] Xiehda ta' John Muscat tal-11.04.2002, fol 103 et seq
[20] Dok CB1 – fotokopja tal-pjanta tal-perit Carmelo Borg – bin-noti fuqha, fol 99

maqjel fejn din tmiss mal-passaġġ. Fil-fatt fit-30 ta' Jannar 2007[21] il-perit Carmelo Borg, tela' jixhed dwar il-pjanta tiegħu Dok CB u pprometta li jerġa' jmur fuq il-post biex jivverifika l-eżattezza tal-pjanta li kien għamel tmintax-il sena qabel. Huwa fil-fatt reġa tela' jixhed sena wara, fit-30 Jannar 2008[22] wara li fil-frattemp kien mar jispezzjona l-post, u fost affarijiet oħra kkonferma illi fuq il-pjanta li kien għamel fl-1989 (Dok CB) huwa kien naqas li jindika l-aċċess li effettivament hemm mill-maqjel għall-passaġġ, u fil-fatt immarkah dak il-ħin stess seduta stante fuq il-pjanta Dok CB bl-ittra X. (Huwa spjega li meta għamel il-pjanta huwa kien iffoka iktar fuq il-*footprint* tal-proprjeta` milli fuq l-aperturi).

**44.** Dwar dan l-istess maqjel l-attur John Muscat kompla jispjega illi għalkemm fuq il-pjanta Dok CB tal-perit ġie indikat li fuq in-naħa l-oħra tal-maqjel (cioe` mit-tramuntana) hemm fetħa li tagħti għal fuq il-btieħi (li huwa indika bl-ittra D fuq il-pjanta Dok CB1) dan kien bieb li kien għalqu nannuh żmien qabel u li hu kien ħallih hekk u għalqu "*b'biċċa injama 'l fuq*".

**45.** Fir-rigward tal-mandra (il-kamra l-imwaqqa') indikata bl-ittra B l-attur Muscat qal li din ma għandha l-ebda entratura, iżda hija kompletament miftuħa. Spjega wkoll li l-maqjel u l-mandra ma jinfdux.

---
[21] Fol 363 et seq
[22] Fol 402 et seq

**46.** Huwa mmarka bl-ittra C fuq il-pjanta Dok CB1 dik il-parti tal-passaġġ li l-konvenut għalaq biċ-*chicken wire* b'mod li ma hemmx iktar aċċess għall-mandra u għall-maqjel mill-imsemmi passaġġ.

**47.** Il-konvenut Emanuel Portelli, kontro-eżaminat[23] xehed illi huwa minnu li huwa kien għamel iċ-*chicken wire* fil-post indikat, iżda qal li qabel diġa kien jeżisti ħajt għoli xi erba' (4) filati li kien jifred dik il-parti tal-passaġġ fejn kien iżomm l-annimali tiegħu (bejn il-maqjel u l-mandra) mill-bqija tal-passaġġ. Spjega li darba minnhom, bil-lejl, xi ħadd kien ħatt tali ħajt u kienu ħarbulu l-annimali u kien għalhekk li għamel iċ-*chicken wire,* imbagħad sussegwentement kien reġa' bena' l-ħajt mal-istess *wire*. Huwa sostna li kien fl-1997 li għamel il-*wire* lamentat mill-atturi, u mhux fl-2000 kif allegat minnhom.

**48.** Fl-affidavit tiegħu[24] jirreferi għall-ispazju (jew fetħa) bejn il-ħajt baxx u l-maqjel bħala l-"bitħa". Spjega li l-entratura tal-maqjel tħares lejn in-naħa ta' nofsihnhar għal fuq tali "bitħa". Xehed illi fiż-żmien li l-maqjel kien f'idejn missieru kellu bieb oħxon tal-injam, u li hu mbagħad kien qala' tali bieb biex jagħmel bieba taż-żingu titla' u tinżel biex ikunu jistgħu joħorġu l-bhejjem waħedhom. Qal li mbagħad kien neħħa tali bieba sabiex ikun jista' jdaħħal iż-żiemel ta' sieħbu Pawlu Zerafa.

---

[23] Kontro-eżami tal-konvenut, tat-18.05.2012, fol 602 et seq
[24] Affidavit tal-konvenut fol 307 et seq

**49.** Spjega wkoll illi fuq in-naħa ta' wara tal-maqjel hemm tieqa li tħares lejn it-tramuntana (cioe` l-entratura u t-tieqa jiġu faċċata ta' xulxin) u li tali tieqa hija magħluqa b'bieba tal-injam. Kontro-eżaminat qal li fl-antik effettivament kien hemm bieb liema bieb jafu imsakkar u li preżentement jinsab nofsu magħluq bil-ġebel, u li l-parti li tħalliet bħala tieqa huwa għalaqha b'pallet tal-injam biex il-bhejjem ma jgħaddulux "*għal ġo tal-oħrajn*".

**Provi:**

***A. Xhieda tal-atturi:***

**50.** L-attur Pawlu Portelli fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Jannar 2002[25] indika fuq is-*site plan* annessa mal-fuq imsemmi kuntratt tad-29 ta' Mejju 2000 fejn sar l-aġir lamentat minnu u mill-attur l-ieħor. "*Għamel fidiferru hawnhekk u biċċa bħal bieba, qisha biċċa pallet din il-bieba….Hemmhekk mnejn konna nidħlu għal ġol-maqjel*". Għalkemm fil-bidu tax-xhieda tiegħu jgħid li l-ispoll allegat minnhom "*sar fis-26 ta' Awwissu 2000*" aktar 'il quddiem spjega kif darba minnhom "*għall-ħabta ta' nofs Awwissu tas-sena 2000*" kienu marru hemm bħas-soltu u sabu tali *wire* u bieba tagħlaq il-passaġġ.

**51.** Qal li "*Qegħdin jagħlqu l-maqjel tagħna l-imwaqqa' u dik il-biċċa*

[25] Xiehda ta' Pawlu Portelli (l-attur) (inkluż kontro-eżami) tal-15.01.2002, fol 73 et seq

*passaġġ għal ġol maqjel l-ieħor*". Qal li poġġa bodbod hemm imbagħad neħħih, u dik il-ġimgħa tax-xhieda tiegħu tefa' nagħġa. Mistoqsi kemm kienu ilhom jgħaddu minn dak il-passaġġ, irrisponda "*Minn dejjem. Kemm ilni ħaj dejjem hekk nafu jiġifieri*". Għalkemm qal li hu personalment ma kienx juża' l-kmamar, kien jużahom kuġinuh l-attur l-ieħor (John Muscat). Spjega li dan kuġinuh kellu ħanut fl-istess ambjenti (aċċessibbli mit-triq) u allura kien jitfa' xi kaxxi tal-luminata fil-kamra u li kellu xi ħuxlief. Kontro-eżaminat qal li kuġinuh ilu xi għoxrin (20) sena li spiċċa mill-ħanut u għalkemm ma baqax jitfa' l-kaxxi tal-luminata kien baqalu xi ħuxlief.

**52.** L-attur John Muscat fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' April 2002[26] (apparti dak li diġa ġie spjegat supra, taħt l-intestatura "L-ambjenti mertu tal-allegat spoll") qal li nannuh kien irabbi l-ħnieżer fil-maqjel u mbagħad ommu u zijuh (Karmnu) kienu jrabbu n-ngħaġ. Qal ukoll li meta kellu l-ħanut kien ipoġġi l-kaxxi tax-xorb fih u baqa' jpoġġi xi għodda tar-raba, silla u balal tat-tiben. Qal li proprju fiż-żmien tal-allegat spoll hu kellu xi ftit ħuxlief u xi għodda. Barra d-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn qal li kien "*preċiżament fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu 2000*" li l-konvenut ikkometta l-aġir spoljattiv lamentat minnhom, fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' April 2002, spjega li darba minnhom filgħaxija tas-26 ta' Awwissu 2000 kien fl-ambjenti in kwistjoni:

[26] Xiehda tal-attur John Muscat (inkluż kontro-eżami) 11.04.2002, fol 103 et seq

> "*U rajt lil*[27] *Leli Portelli xehet muntun, għamel il-fence, il-fidiferru u biċċa bieba, u xeħet muntun, u jien għidtlu: 'Hawn x'għamilt?' Qalli: 'Hawn kien ta' misseri'…u għalaq....Imbagħad fis-26 ċempilt lill-avukat u tela' jara u ftaħna l-kawża…*".

**53.** Maria Muscat (omm l-attur John Muscat) fix-xhieda tagħha tal-21 ta' Awwissu 2001[28] xehdet li l-proprjeta` illum tal-atturi (tirreferi għalihom bħala imqajjel u kamra) kienu għand missierha. Qalet li twieldu hemm u kellhom l-annimali hemm. Spjegat li l-proprjeta` kienet imbagħad ġiet f'idejha u f'idejn ħuha. Mistoqsija kemm ilha li kienet trabbi l-annimali fil-proprjeta` qalet li kien ilha iktar minn għaxar (10) snin. Mistoqsija jekk tafx x'ġara fil-passaġġ in kwistjoni qalet li ilha ma tmur 'l hemm.

**54.** Karmnu Portelli (missier l-attur Pawlu Portelli) fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Awwissu 2001[29] ikkonferma li kemm hu kif ukoll oħtu Maria Muscat twieldu fil-proprjeta` illum tal-atturi. Iddiskriva l-proprjeta` bħala li għandha faċċata mat-triq kollha (kif fil-fatt jidher fuq is-*site plan* fuq imsemmija). Ikkonferma li missieru Ġużepp Portelli kien irabbi l-bhejjem, li wara mewtu l-proprjeta` ġiet għandu u għand oħtu Maria, u li issa hija tal-atturi. Qal li l-konvenut "*minn sena 'l hawn*" tefa' bodbod barra l-maqjel u għamel firdiferru. Qal li wara li kellmu l-attur John Muscat, il-konvenut neħħa l-bodbod iżda l-firdiferru ħallih. Mistoqsi kemm ilhom li waqfu jrabbu l-bhejjem, qal li xi tnax(12)-il sena.

---

[27] it-traskrizzjoni taqra "lil" iżda jista' jkun li x-xhud kien qed jgħid "li"
[28] Xiehda ta' Maria Muscat, (inkluż kontro-eżami) 21.08.2001, fol 33 et seq
[29] Xiehda ta' Karmnu Portelli (inkluż kontro-eżami) 21.08.2001, fol 45 et seq

**55.** Pawlu Portelli, (mhux l-attur, iżda bin Salvu Portelli[30]) fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Lulju 2001[31] xehed illi huwa midħla sew tal-inħawi. Spjega li l-proprjeta` tal-atturi fiha ħafna imqajjel u li jiftakar lil żijuh Ġużepp Portelli fiha. Saħansitra fis-sittinijiet, qabel ma huwa (Pawlu Portelli) siefer minn Malta għal għoxrin sena, dan zijuh kien ippermettilu jżomm xi ħnieżer f'wieħed minnhom. Qal li għalkemm hu kien jidħol għall-proprjeta` dirett mit-triq, zijuh ġieli kien jidħol mill-passaġġ 'il ġewwa mill-plieri. Jiftakar ukoll jara lil ulied Ġużepp Portelli: Carmelo Portelli (missier l-attur Portelli) u Marija Muscat u lil żewġha (ġenituri tal-attur John Muscat). Kompla jgħid li s-sena ta' qabel ix-xhieda tiegħu ra l-bodbod tal-konvenut fil-passaġġ u qal ukoll li l-parti tal-passaġġ li kien fiha l-bodbod kienet magħluqa bil-fidiferru u bieba. Mistoqsi jekk qabel ma tefa' l-bodbod fil-passaġġ kienx jara lill-konvenut fil-maqjel u l-mandra in kwistjoni, qal "*Qatt ma rajtu hemm jiena*".

**56.** Kontro-eżaminat[32] (tlettax-il sena wara) ikkonferma li fl-imgħoddi kien jara lil Ġużepp Portelli u lill-familjari tiegħu hemm. Qal li kellhom il-ħnieżer u xi ħmara, u qal li jiftakar għaliex dak iż-żmien kien jidħol hu. Mistoqsi jekk kienx jara lill-konvenut jew lil missieru, qal li huwa issa li jara lill-konvenut hemm ġew.

[30] Salvu Portelli jiġi ħu Ġużepp Portelli (in-nannu tal-atturi) u ħu Frenċu Portelli (missier il-konvenut)
[31] Xiehda ta' Pawlu Portelli, 19.07.2001, fol 23 et seq
[32] Kontro-eżami ta' Pawlu Portelli, 02.05.2014, fol 672 et seq

**57.** Dr Anton Refalo (id-difensur tal-atturi) fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2002[33] xehed illi ftit qabel ma sar il-kuntratt ta' donazzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 (u proprju fis-27 ta' Marzu 2000) huwa kien mar fuq il-post u kien għadda mill-passaġġ u ra l-kamra l-imwaqqa' (mandra) u anke daħal fil-kamra (maqjel). Qal li kellu l-pjanta tal-perit Borg tal-1989 (Dok CB) f'idejh u hu kien ra l-ambjenti kollha indikati fiha, u sussegwentement għamel kuntatt man-Nutar Hili sabiex isir il-kuntratt tad-donazzjoni. Huwa enfasizza: "*Nerġa ntenni, Sur Ġudikant, illi meta sar il-kuntratt fid-29 ta' Mejju 2000 ma kien hemm l-ebda problemi ta' xejn*". Qal li sussegwentement għal tali kuntratt tad-donazzjoni l-atturi kienu marru jkellmuh biex jgħidulu li fis-26 ta' Awwissu 2000 il-konvenut mingħajr il-kunsens tagħhom u *ad insaputa* tagħhom, kien għalaq l-aċċess għal dawn l-ambjenti billi għalaq il-passaġġ b'*wire* u anke poġġa bodbod biex juri li għandu pussess fuq tali parti. Xehed illi dakinhar stess fis-26 ta Awwissu 2000 hu personalment kien mar fuq il-post u kkonstata li l-aċċess għall-ambjenti kien jinsab magħluq permezz tal-*wire* u warajh ra li kien hemm bodbod. Qal li wara li ra hekk, huwa bagħat ittra bonarja lill-konvenut fit-30 ta' Awwissu 2000 fejn interpellah jisporga l-ispoll iżda meta l-affarijiet baqgħu kif kienu saret il-kawża fil-25 ta' Ottubru 2000.

[33] Xiehda ta' Dr Anton Refalo, tal-11.06.2002, fol 113 et seq

**58.** Francis Muscat meta xehed fit-8 ta' Mejju 2001[34] qal li kellu tlieta u ħamsin (53) sena u li għalkemm għamel xi għoxrin (20) sena msiefer, il-kumplament għexhom fin-Nadur. Huwa ġie muri żewġ ritratti[35] li juru l-maqjel u l-mandra in kwistjoni inkluż dik il-parti tal-passaġġ li f'wieħed mir-ritratti tidher magħluqa in parti permezz taċ-*chicken wire* u in parti permezz ta' bieba/xatba tal-injam. Qal li darba minnhom, xi sena qabel ix-xhieda tiegħu kien mar isib lill-attur John Muscat id-dar tiegħu sabiex dan ibiegħlu xi fniek u martu qaltlu li kien qiegħed "Tax-Xini". Kompla jgħid li allura kien mar isibu hemm, u b'referenza għall-maqjel li jidher fiż-żewġ ritratti, qal "*sibtu ħiereġ minn ġol-maqjel hemmhekk*". Qal ukoll li jiftakar lin-nannu tal-atturi, Ġużepp, fl-inħawi. Kontro-eżaminat ippreċiża li l-fniek li kien mar biex jixtri ma kienux fil-maqjel, iżda kienu jinżammu fid-dar tal-attur John Muscat. Huwa osserva li fil-maqjel l-attur kien qed iżomm il-magħlef.

**59.** John Said meta xehed fil-5 ta' Ġunju 2001[36] qal li kellu sebgħa u ħamsin (57) sena. Qal li r-raba magħruf bħala "Tax-Xini" huwa "kbir" u li huwa trabba hemmhekk ma' Marija, omm l-attur John Muscat u ma' Karmnu, missier l-attur Pawlu Portelli. Jiftakar lil missierhom (in-nannu tal-atturi) irabbi l-ħnieżer u n-ngħaġ. Qal li kien hemm ħafna mqajjel.

---

[34] Xiehda ta' Francis Muscat tat-08.05.2001, (li għalkemm ingħatat fl-atti tal-kawża odjerna, it-traskrizzjoni tagħha tinsab fl-atti tal-kawża 190/2000, fol 60 et seq, liema atti ġew allegati ma' dawn odjerni permezz tad-digriet tas-06.02.2015)

[35] Ritratt B u Ritratt C, fol 70 tal-atti tal-kawża 190/2000

[36] Xiehda ta' John Said tal-05.06.2001 (li għalkemm ingħatat fl-atti tal-kawża odjerna, it-traskrizzjoni tagħha tinsab fl-atti tal-kawża 190/2000, fol 73 et seq, liema atti ġew allegati ma' dawn odjerni permezz tad-digriet tas-06.02.2015)

## *B. Xhieda tal-konvenut*

**60.** Il-konvenut Emmanuel Portelli, (apparti dak li diġa ġie spjegat supra, taħt l-intestatura "L-ambjenti mertu tal-allegat spoll") fl-affidavit tiegħu[37] xehed illi l-maqjel u l-kamra l-imwaqqa' qegħdin f'dik il-parti tal-passaġġ li hija magħluqa b'ħajt u bieb (liema passaġġ tidħol għalih mill-fetħa bejn il-plieri fi Triq tad-Duru). Qal li fil-passat, xi ħamsin sena qabel, missieru kien iżomm il-bhejjem, u warajh baqa' jżommhom hu. Sostna li lill-atturi qatt ma rahom hemm, u li sas-sena 2000 qatt ma kienu jersqu 'l hemm jew wrew xi tip ta' interess. Qal li huma għandhom il-proprjeta` aktar lejn it-tramuntana, liema proprjeta` kienet kollha mġarrfa u infatti lanqas annimali ma setgħu jrabbu. Qal li kien imbagħad wara li infetħet il-kawża odjerna li bdew jirranġaw.

**61.** Kontro-eżaminat[38] sostna li lill-atturi qatt ma rahom fil-passaġġ u fil-maqjel, u li kien biss wara l-2000 li rahom jagħmlu x-xogħlijiet fil-post tagħhom.

**62.** Mary Josephine Galea nee` Portelli (bint il-konvenut) fl-affidavit tagħha[39] qalet li minn meta kienet għadha żgħira dejjem kienet tmur ma' missierha fil-maqjel u l-bitħa in kwistjoni. Spjegat kif biex tasal għalihom

[37] Affidavit tal-konvenut, maħluf 21.06.2005, fol 308 et seq
[38] Kontro-eżami tal-konvenut, 18.05.2012, fol 602 et seq
[39] Affidavit ta' Mary Josephine Galea, maħluf 05.12.2005, fol 310

trid tgħaddi mill-fetha bejn il-plieri li hemm fit-triq imbagħad tikser għall-passaġġ li jinsab fuq il-lemin. Ikkonfermat kif qabel il-maqjel u l-kamra l-imwaqqa' hemm "*ħajt baxx li meta kont żgħira ma kontx inlaħħaq miegħu, u bieba…*". Żiedet tgħid li fl-imgħoddi l-maqjel kellu bieb li kien jitla' u jinżel sabiex l-annimali setgħu joħorġu. Qalet ukoll li fuq in-naħa l-oħra tal-maqjel (cioe` faċċata tal-entratura tiegħu) hemm tieqa żgħira magħluqa bl-injam. Sostniet li sa minn mindu kienet tifla hemmhekk dejjem taf lil missieru jrabbi l-annimali, u qalet li sa llum hija tiffrekwanta dan il-post peress li uliedha dejjem jiġru ma' missierha. "*Nżid ngħid li jien qatt ma rajt lil ħadd hemm ġol-maqjel tagħna ħlief għal missieri, jiena, ħuti, u issa uliedi*". Qalet li wara dan il-maqjel hemm post li ilu żmien twil abbandunat u mwaqqa' bil-ħitan imġarrfa u li kien biss "*riċentement*" li nnutat li kien qed jiġi rranġat.

**63.** Kontro-eżaminata[40] xehdet li fl-antik il-ħajt li jaqsam il-passaġġ ma kienx dak li hemm illum, għalkemm kien tal-ġebel ukoll, jew aħjar, biċċiet tal-ġebel. Qalet ukoll li miegħu kien hemm xatba sabiex wieħed ikun jista' jidħol minnha. Tiftakar li darba minnhom il-ħajt sparixxa u kienu ġew jgħidulhom in-nies li kellhom il-bhejjem jiġru fit-triq. Sostniet li dan kien fl-1997 u missierha (il-konvenut) mal-ewwel għamel xibka temporanja sabiex il-bhejjem ma joħorġux, u wara reġa' bena l-ħajt ftit ftit, kantun kantun. Qalet li ma kellux għaġġla jibni l-ħajt peress li l-

[40] Kontro-eżami ta' Mary Josephine Galea, 14.12.2011, fol 570 et seq

bhejjem kienu maqfulin. Ikkonfermat illi dejjem missierha u ħutha kienu jmorru hemm.

**64.** Joseph Portelli (bin il-konvenut) fl-affidavit tiegħu[41] xehed illi meta kien żgħir kien imur ma' missieru fil-maqjel u fil-bitħa. Spjega li wara li dak li jkun jidħol mill-plieri li hemm fi Triq tad-Duru, fuq il-lemin isib passaġġ li jagħti għall-"bitħa" u maqjel. Spjega wkoll illi l-maqjel ma jingħalaqx b'bieb u għalhekk sabiex ma joħorġux l-annimali "*kien hemm ħajt baxx b'xatba tal-injam miegħu*". Qal li ilhom irabbu l-annimali minn meta kien żgħir u dejjem daħlu u ħarġu mill-plier għall-maqjel u ħadd ma qatt qalilhom xejn. Qal li fl-2000 l-atturi bdew juru interess fil-proprjeta` viċin tal-maqjel li kienet abbandunata. "*Ngħid u nikkonferma li minn bejn il-plieri John Muscat u Pawlu Portelli għadhom sal-ġurnata ta' llum qatt ma daħlu jew ħarġu*".

**65.** Kontro-eżaminat[42] xehed li minn dejjem kien hemm ħajt magħmul minn biċċiet tal-ġebel, u xatba tal-injam jaqsmu l-passaġġ. Ikkonferma l-verżjoni ta' missieru li darba minnhom il-ħajt kien tneħħa minn xi ħadd u għalhekk missieru kien għamel il-firdiferru u imbagħad reġa' għamel il-ħajt bil-ġebel tal-kantun.

---

[41] Affidavit ta' Joseph Portelli (bin il-konvenut), maħluf 14.01.2005, fol 267

[42] Kontro-eżami ta' Joseph Portelli (bin il-konvenut) tad-29.01.2010, fol 465 et seq

**66.** Kontro-eżaminat ulterjorment[43] xehed illi ċ-*chicken wire* li għamel missieru l-konvenut wara li sab li l-ħajt kien inħatt u l-annimali ħarbulu, ma sarx fl-2000 iżda snin qabel. Mistoqsi meta mbagħad missieru reġa' bena l-ħajt, irrisponda li kien dam jibnih, ftit ftit.

**67.** Pawlu Zerafa fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Novembru 2002[44] qal li madwar tletin (30) sena qabel kien poġġa ż-żiemel tiegħu fil-maqjel tal-konvenut u ħallih hemm madwar tlett xhur. Qal li fejn kien poġġa ż-żiemel ma ra lil ħadd hemm. Qal ukoll li ma reġax mar fuq il-post minn dak iż-żmien.

**68.** Carmen Vella nee Portelli (bint Salvu Portelli[45]) fl-affidavit tagħha[46] qalet li sa minn meta kienet tifla kienet tmur ħdejn il-maqjel in kwistjoni. F'dak iż-żmien qalet li kienet tara lil Frenċu Portelli, missier il-konvenut. Qalet li missierha kien jibgħatha hemm bl-inbid u li tiftakar lil Frenċu irabbi kull tip ta' bhejjem. Kompliet tispjega li hija fl-1979 iżżewġet lil Valent Vella li nserta għandu raba iktar 'l isfel u għalhekk baqgħet tiffrekwenta l-inħawi.

> "*Matul dak iż-żmien jien kont bqajt nara aktar ta' spiss lil Emanuel Portelli f'dan il-maqjel u l-intorni tiegħu u qatt ma rajt lil ħadd iżjed. Jien bqajt immur f'dak il-post kważi kuljum peress li kif għidt bdejt naħdem ukoll ir-raba li żewġi kellu fl-inħawi. Matul dan il-perjodu kollu jien qatt ma rajt lil xi persuni mill-familjari tal-atturi Muscat u Portelli*

[43] Kontro-eżami ulterjuri ta' Joseph Portelli (bin il-konvenut) tat-08.10.2010, fol 505 et seq
[44] Xiehda ta' Pawlu Zerafa, (inkluż kontro-eżami) tal-05.11.2002, fol 122 et seq
[45] Salvu Portelli jiġi ħu Ġużepp Portelli (in-nannu tal-atturi) u ħu Frenċu Portelli (missier il-konvenut)
[46] Affidavit ta' Carmen Vella, maħluf 09.01.2003, fol 138

> *mill-plier 'l isfel. Ngħid li l-plier qiegħed fil-bidu tal-passaġġ ma' Triq tad-Duru. Matul dawn l-aħħar tnejn u erbgħin sena dejjem rajt lill-konvenut Emanuel Portelli jrabbi l-bhejjem f'dan il-post*".

**69.** Kontro-eżaminata[47] qalet li kienet tinżel fl-inħawi minn qabel ma żżewġet għaliex hi u żewġha damu għarajjes. Qalet li kienet tgħaddi mill-plier u tinżel 'l isfel. Spjegat li kif wieħed jidħol mill-plier, fuq il-lemin hemm passaġġ. Spjegat ukoll li quddiem il-maqjel hemm bitħa peress li hemm ħajt jiddividi l-passaġġ. Qalet li tali ħajt ilu hemm "*minn żmien żemżem*" u qiegħed hemm sabiex ma joħorġux il-bhejjem. Qalet li sal-ġurnata ta' qabel stess għall-ħabta tas-sagħtejn, kienet hemm mat-tifel, għaddiet minn hemm u rat il-ħajt u anke l-wire u gate tal-injam u qalet li kien hemm xi ngħaġiet ukoll fil-bitħa li tiġi wara tali wire, ħajt u gate (xatba). Qalet li meta kienet tifla kienet tara lil Frenċu Portelli, missier il-konvenut. Mistoqsija dwar Ġużepp Portelli, in-nannu tal-attur, qalet li qatt ma ratu hemmhekk.

**70.** Saviour John Vella (bin Carmen Vella) fl-affidavit tiegħu[48] qal li ilu jinżel fir-raba tal-familja tiegħu mill-1986, u spjega li dan trid tgħaddi għalih mill-plieri fi Triq tad-Duru. Spjega li biex jgħaddu għar-raba tagħhom iridu jgħaddu mill-passaġġ li hemm fuq il-lemin wara li wieħed jidħol mill-plieri.

> "*Ngħid li kull meta għaddejt minn dan il-passaġġ, li ngħaddi minnu ta' spiss, jien dejjem lil Emanuel Portelli rajt fil-maqjel jew inkella l-*

[47] Kontro-eżami ta' Carmen Vella, tal-20 ta' Frar 2003, fol 156 et seq
[48] Affidavit ta' Saviour John Vella, maħluf 09.01.2003, fol 137

*bhejjem li huwa kien irabbi fl-istess maqjel. Qatt ma rajt lil ħadd iżjed f'dawn l-imqajjel. Ngħid li Emanuel Portelli f'dan il-post irabbi l-annimali sa llum. Dejjem kellu mogħoż, ngħaġ u ġieli anke kellu bodbod…Jien għadni ninżel fir-raba tagħna ta' sikwit sa llum sal-ġurnata ta' llum dan il-maqjel għadu f'idejn Emanuel Portelli*".

**71.** Kontro-eżaminat[49] qal li proprju l-ġurnata ta' qabel stess huwa ra l-bhejjem fil-passaġġ. Qal ukoll li ra ukoll *wire* u ħajt jaqsam il-passaġġ. Ippreċiża li ra xi żewġ jew tlett ngħaġiet 'il ġewwa mill-wire. Spjega li "*mill-ħajt tal-barbed*[50] *wire*" 'il ġewwa hemm maqjel, u ieħor imwaqqa'.

**72.** Joseph Portelli (bin Salvu Portelli[51]) fl-affidavit tiegħu[52] xehed illi minn dejjem jiftakar lill-konvenut irabbi l-bhejjem ġol-maqjel, liema maqjel sabiex tasal għalih trid tgħaddi mill-plieri li hemm fi Triq tad-Duru mbagħad iddur lejn il-passaġġ li hemm fuq il-lemin. Qal li fit-tarf ta' dan il-passaġġ fejn hemm il-maqjel hemm fetħa qisha bitħa li hija mdawwra b'ġebel tal-kantun antik. Qal li qabel ma mar il-Kanada fl-1967 jiftakar lill-konvenut irabbi l-bhejjem hemmhekk. Jiftakar li dak iż-żmien il-maqjel kellu bieba tinfetaħ 'il fuq u 'l isfel sabiex il-bhejjem setgħu jidħlu u joħorġu komdi. "*Il-fetħa kienet imdawwra b'ċint għoli bejn erbgħa u ħames filati u fih kien hemm bieba…kemm il-fetħa flimkien mal-maqjel dejjem nafhom f'idejn Leli Portelli*". Kompla jgħid li meta ġie lura mill-Kanada għal kollox fl-1984 baqa' jara lill-konvenut irabbi l-bhejjem fil-maqjel iżda l-bieba li titla' u tinżel ma kienitx għadha iktar hemm, iżda l-

[49] Kontro-eżami ta' Saviour John Vella tal-20 ta' Frar 2003, fol 144 et seq
[50] evidentement qed jirreferi għaċ-*chicken wire* u mhux *barbed wire*
[51] Salvu Portelli jiġi ħu Ġużepp Portelli (in-nannu tal-atturi) u ħu Frenċu Portelli (missier il-konvenut)
[52] Affidavit ta' Joseph Portelli (Bin Salvu Portelli), maħluf 18.04.2005, fol 276

bieba (xatba) tal-bitħa dejjem baqgħet hemm sabiex ma joħorġux il-bhejjem.

**73.** Kontro-eżaminat[53] xehed illi fl-1967 jiftakar li kien hemm mhux biss il-bieb li kien jitla' u jinżel iżda wkoll il-ħajt li jaqsam il-passaġġ, għoli xi erbgħa jew ħames filati. Jiftakar ukoll li fil-ġenb kien hemm maqjel imwaqqa' u dejjem jafu hekk. Mistoqsi qattx ra lill-atturi fil-bitħa jew fil-maqjel, wieġeb "*qatt*".

***C: Ritratti tal-ambjenti in kwistjoni***

**74.** Il-perit Carmelo Borg waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2008 (meta kkorreġa l-pjanta tiegħu Dok CB tal-1989, kif fuq spjegat) esebixxa erba' ritratti: Dok CB1 u CB2[54]. Fihom wieħed jista' jara l-maqjel bl-entratura tiegħu[55] kif ukoll il-kamra l-imwaqqa' mal-ġenb tagħha, li fuqha jidhru xi bhejjem. Quddiem tali maqjel u mandra jidher spazju li huwa magħluq in parti b'ħajt u in parti b'bieba/xatba tal-injam.

**75.** Ir-ritratti ppreżentati mill-attur John Muscat fl-istess seduta (Dok MJ sa MJ5[56] ukoll juru tali ambjenti, iżda jidher li huma meħuda fi żminijiet differenti. Il-qorti tagħmel partikolari referenza għas-segwenti

---

[53] Kontro-eżami ta' Joseph Portelli (bin Salvu Portelli) tal-11.02.2011, fol 526 et seq
[54] Ritratti ippreżentati mill-perit Carmelo Borg, Dok CB1 u CB2, fol 412 u 413
[55] Li l-istess perit indika bl-ittra X fuq il-pjanta Dok CB, fol 66
[56] Ritratti ppreżentati mill-attur John Muscat, Dok MJ sa MJ5, fol 417 sa 419

ritratti:

- Fir-ritratt Dok MJ4 il-passaġġ jidher kollu ħaxix u huwa maqsum in parti biċ-*chicken wire* u in parti bil-bieba/xatba tal-injam. Fil-kamra l-imwaqqa' jidher il-bajtar. Maċ-*chicken wire* ma jidhirx il-ħajt tal-kantun li mbagħad inbena sussegwentement.

- Fir-ritratt Dok MJ5, ma jidhirx ħaxix fil-passaġġ li jidher fit-ritratt Dok MJ4, għalkemm jidher il-bajtar fil-mandra. Jidhru wkoll iċ-*chicken wire* u l-bieba/xatba tal-injam, u wara ċ-*chicken wire* issa jidher li tpoġġa ħajt tal-kantun. Din il-qorti tosserva li fl-entratura tal-maqjel tidher parti minn ras ta' xi annimal.

- Ir-ritratt Dok MJ1 jiffoka fuq l-ispazju (ossia parti mill-passaġġ) li hemm quddiem il-maqjel u l-mandra l-imwaqqa. Tidher ukoll parti mill-ħajt u l-bieba/xatba li flimkien jagħlqu l-passaġġ minn naħa għall-oħra b'mod li jħallu tali spazju magħluq quddiem il-maqjel u mandra. Jidhru wkoll ammont ta' bhejjem, uħud fejn hemm il-mandra, u uħud fil-fetħa ta' quddiem il-maqjel u l-mandra.

**76.** L-atturi fil-11 ta' Frar 2011[57] esebew żewġ ritratti fejn spjegaw illi

[57] Ritratti preżentati mill-atturi, Dok MJ u MJ1, fol 545 u 546

wieħed (Dok MJ) juri kif kienu l-affarijiet appena sar l-ispoll[58], bil-passaġġ kollu ħaxix, u magħluq in parti biċ-*chicken wire* u in parti bil-bieba/xatba tal-injam, u l-ieħor (Dok MJ1[59]) juri kif kienu l-affarijiet sussegwentement, bil-passaġġ imnaddaf mill-ħaxix, u bil-ħajt tal-kantun mibni maċ-*chicken wire* li tmiss mal-bieba/xatba.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti**

***•Il-pussess***

**77.** Din il-qorti wara li qieset l-provi kollha rilevanti hija konvinta illi l-maqjel u l-mandra (flimkien mal-parti tal-passaġġ li issa tinsab segregata bil-*wire* u x-xatba) kienu għamlu ħafna snin f'idejn il-konvenut, u qablu f'idejn missieru, għat-trobbija ta' diversi annimali.

**78.** Madanakollu, fiż-żmien tal-allegat spoll (cioe` fis-sajf tal-2000 u mill-inqas fil-ftit xhur ta' qablu) ma jirriżultax lil din il-qorti li l-konvenut kien qed irabbi l-annimali. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mir-ritratt Dok MJ4, li juri li meta kien hemm iċ-*chicken wire* waħdu, u cioe` fl-istadju ta' qabel ma kien inbena l-ħajt tal-kantun imiss miegħu, kien hemm ħaxix għoli fil-passaġġ u fil-fatt ma jidhrux annimali.

---

[58] Dan ir-ritratt huwa enlargement ta' ritratt (fol 89) li esebew fi stadju aktar bikri tal-kawża, biex juru ċ-chicken wire u l-bieba/xatba li jaqsmu l-passaġġ.
[59] Dan ir-ritratt huwa enlargement tar-ritratt Dok JM5

**79.** Issa kif fuq spjegat, il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet dwar meta sar u għaliex sar iċ-*chicken wire* huma kontrastanti:

- skont il-verżjoni tal-atturi fis-26 ta' Awwissu 2000 il-konvenut spoljahom mill-pussess li allegatament kellhom huma tal-maqjel u l-mandra billi għalaq il-passaġġ li jagħti għal tali ambjenti biċ-*chicken wire*;

- skont il-verżjoni tal-konvenut invece iċ-*chicken wire* tpoġġa tlett (3) snin qabel, fl-1997, bħala soluzzjoni temporanja wara li "xi ħadd" kien ħatt il-ħajt li jifred l-ispazju ta' quddiem il-mandra u l-maqjel mill-bqija tal-passaġġ.

**80.** Iżda fid-dawl tal-provi kollha mressqa, din il-qorti hija tal-fehma li hija aktar verosimili l-verżjoni tal-atturi li l-konvenut għamel iċ-*chicken wire* fis-sajf tal-2000 meta ra li l-atturi (in konnessjoni mal-akkwist tal-proprjeta` permezz tal-kuntratt tad-donazzjoni tad-29 ta' Mejju 2000) kienu qegħdin jidhru fl-inħawi u jagħmlu l-preżenza tagħhom hemm. Fil-fatt il-konvenut stess, fix-xhieda tiegħu kkummenta illi kien fl-2000 li nnota lill-atturi jieħdu interess fl-inħawi.

**81.** Huwa importanti għall-finijiet ta' din l-azzjoni li jiġi stabbilit jekk meta l-konvenut għalaq il-passaġġ, l-atturi kellhomx dak il-pussess

tutelabbli f'azzjoni ta' spoll. Kif huwa risaput, il-pussess ma jintilifx bl-inerzja tal-pussessur iżda bl-abbandun volontarju jew bil-pussess da parti ta' ħaddieħor.[60] Għaldaqstant minkejja li kif ingħad, din il-qorti hija konvinta li l-konvenut u l-familjari tiegħu kellhom il-pussess tal-ambjenti in kwistjoni għal diversi snin, tali pussess jitqies li jkun intilef jekk jiġi pruvat li jkun effettivament ittieħed mill-atturi. Huwa risaput ukoll illi anke pussess qasir ħafna u saħansitra momentarju huwa biżżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll.[61]

**82.** Fil-fehma ta' din il-qorti hija ta' rilevanza sostanzjali x-xhieda ta' Francis Muscat li tinsab fl-atti tal-kawża 190/2000 (li kif jilmentaw l-atturi, jidher li l-ewwel Qorti skartat għal kollox) fejn qal illi xi sena qabel ix-xhieda tiegħu ta' Mejju 2001 (u allura għall-ħabta ta' Mejju 2000 - bejn wieħed u ieħor fiż-żmien meta kien sar il-kuntratt ta' donazzjoni favur l-atturi) meta kien qed ifittex lill-attur John Muscat biex jixtri l-fniek mingħandu, kien mar ifittxu fl-ambjenti mertu tal-kawża, u sabu ħiereġ proprju mill-maqjel in kwistjoni. Qal ukoll li nnota li fil-maqjel l-attur kien qed iżomm il-magħlef.

**83.** Rilevanti wkoll hija x-xhieda tad-difensur tal-atturi Dr Anton Refalo (li ukoll ma jidhirx li ingħatat rilevanza mill-ewwel Qorti) partikolarment fejn qal li f'Marzu 2000, u cioe` ftit qabel ma sar il-kuntratt tad-

[60] **Mary Anne Attard et vs Francis Mercieca et.** deċiża mill-Q. Appell fid- 19.04.2012
[61] **Rev Kan Salvatore Ellul pen vs Kan Primiċerju Giuseppe Farrugia**, deċiża mill-PA. fis-07.02.1953

donazzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, kien mar fl-ambjenti in kwistjoni bil-pjanta tal-Perit Carmelo Borg f'idejh, u saħansitra anke għadda mill-passaġġ u daħal fil-maqjel. Huwa saħaq li f'dak l-istadju ma kien hemm "*l-ebda problemi*". Dan il-fatt mhux biss jikkonferma li f'Marzu 2000 ma kienx hemm iċ-*chicken wire,* (fatt allura li jgiddeb il-verżjoni tal-konvenut li l-*wire* kien ilu hemm mill-1997) iżda wkoll juri li l-atturi kienu qegħdin jagħmlu pussess fuq l-inħawi in kwistjoni: Dr Refalo kien inkarigat minnhom biex jassistihom fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tad-donazzjoni u kien allura in konnessjoni mal-inkarigu li tawh li huwa mar fuq il-post biex jagħmel il-verifiki.

**84.** Abbażi ta' dan kollu, din il-qorti hija sodisfatta li l-atturi mill-inqas ftit tax-xhur qabel ma sar il-kuntratt ta' donazzjoni favur tagħhom kellhom f'idejhom il-pussess tal-ambjenti mertu ta' din il-kawża.

**85.** Tenut kont tas-snin twal li ilha pendenti din il-kawża, u in vista tal-fatt li l-provi huma miġbura, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra jekk jirriżultawx iż-żewġ rekwiżiti l-oħra tal-għemil spoljattiv u tal-*infra bimestre* sabiex b'hekk il-kawża tiġi deċiża definittivament.

- ***L-allegat aġir spoljattiv: (i) il-wire li għalaq il-passaġġ u (ii) il-ġebel li għalaq il-bieb fuq in-naħa ta' ġewwa tal-maqjel***

**86.** Stabbilit li l-atturi kellhom il-pussess tal-ambjenti in kwistjoni għall-inqas mill-ewwel xhur tal-2000, imiss li jiġi evalwat jekk dan il-pussess ġiex spoljat bl-aġir tal-konvenut.

**87.** L-għeluq tal-passaġġ li jikkonduċi għall-maqjel, il-mandra u l-fetħa ta' quddiemhom, li sar *ad insaputa* tal-atturi u mingħajr il-kunsens tagħhom, ċertament li jammonta għal spoll ta' tali pussess. Mhemmx dubju li dan sar mill-konvenut.

**88.** Issa fil-premessi taċ-ċitazzjoni tagħhom, l-atturi ma jilmentawx biss fuq il-*wire* li għalaq il-passaġġ. Huma jilmentaw ukoll li l-konvenut imblokka bieb (li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-maqjel) bil-ġebel. Kif diġa' fuq spjegat, fix-xhieda tiegħu l-attur John Muscat qal li dan il-bieb kien għalqu nannuh meta kien irabbi l-ħnieżer fil-bitħa, u li huwa fiż-żmien li kellu l-ħanut kien ħallih hekk u għalqu "*b'biċċa njama 'l fuq*". Il-konvenut da parti tiegħu kkonferma li "*fl-antik*" kien hemm bieb iżda huwa jafu msakkar. Ippreċiża li preżentement dan huwa magħluq nofsu bil-ġebel u fir-rigward tan-nofs l-ieħor qal li din hija magħluqa b'"*pallet*" tal-injam. <u>Din il-qorti ma tarax li tressqu biżżejjed provi dwar dan il-bieb u l-aġir allegatament spoljattiv da parti tal-konvenut fir-rigward.</u>

- ***<u>Meta ngħalaq il-passaġġ bil-wire: jekk ġiex sodisfatt ir-rekwiżit tax-xahrejn:</u>***

**89.** Jonqos finalment li jiġi stabbilit jekk il-kawża saritx fi żmien xahrejn minn meta l-konvenut għamel il-*wire* u għalaq parti mill-passaġġ li jagħti għall-maqjel, għall-mandra u għall-fetħa ta' quddiemhom.

**90.** Ix-xhieda tal-atturi Karmnu Portelli u Pawlu Portelli (mhux l-attur) li tressqu biex jixhdu fl-2001 qalu li l-passaġġ ingħalaq is-sena ta' qabel (u cioe` fl-2000). Din il-verżjoni ovvjament hija wisq vaga u ma titfa' l-ebda dawl fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit.

**91.** L-attur John Muscat, kemm fix-xhieda tiegħu u kif ukoll fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu jsemmi partikolarment id-data tas-26 ta' Awwissu 2000 bħala d-data tal-ispoll. Ix-xhieda tiegħu pero` hija daqsxejn konfuża: huwa jgħid li "*darba filgħaxija*" proprju fis-26 ta' Awwissu 2000, kien qiegħed hemm fil-post, u ra li l-konvenut kien għamel il-*wire* u l-muntun, u jgħid li ikkonfronta lill-konvenut dwar dak li għamel; imbagħad fl-istess nifs jgħid "*imbagħad fis-26 ċempilt lill-avukat u tela' jara….*" (enfasi ta' din il-qorti). Issa apparti l-fatt li l-ġurnata meta <u>nduna</u> bil-*wire* u l-muntun (jew bodbod) mhux neċessarjament il-ġurnata li l-konvenut effettivament <u>għamel</u> il-*wire* u l-muntun (jew bodbod), din il-qorti tosserva li b'referenza għal meta kkomunika mal-avukat, ma jgħidx "*dakinhar stess*" iżda jgħid invece, "*imbagħad fis-26…*" fatt li jagħti x'wieħed jifhem li kien induna bil-*wire* <u>qabel</u> is-26 ta' Awwissu 2000.

**92.** Il-verżjoni ta' Dr Anton Refalo, l-avukat tal-atturi, fir-rigward tad-data ta' meta seħħ l-allegat spoll hija daqstant ieħor strana. Jgħid li l-atturi marru fejnu u informawh li l-*wire* kien tqiegħed fis-26 ta' Awwissu 2000 (bħal li kieku kienet xi data li diġa għaddiet) imbagħad jgħid li dakinhar stess li qalulu bl-akkadut, fis-26 ta' Awwissu 2000, huwa stess mar fuq il-post biex jara. Din il-qorti ma tifhimx għaliex id-difensur xehed li l-atturi qalulu illi "*fis-26 ta' Awwissu 2000*" il-konvenut kien għalaq il-passaġġ bil-*wire* u poġġa bodbod, jekk is-26 ta' Awwissu kien proprju dakinhar li ċemplulu.

**93.** Imbagħad hemm ix-xhieda tal-attur Pawlu Portelli. Din ukoll xejn ma hi konvinċenti fir-rigward tad-data li fiha sar l-ispoll. Għalkemm fil-bidu tax-xhieda tiegħu jsemmi d-data tas-26 ta' Awwissu 2000, ftit wara xehed li għall-ħabta ta' nofs Awwissu 2000 kienu marru hemm bħas-soltu u sabu *wire* u bieba jagħlqu il-passaġġ. Issa bejn nofs Awwissu u s-26 ta' Awwissu 2000 hemm għaxart (10) ijiem, u in oltre bil-kliem "*għall-ħabta ta'*", li jżidu l-inċertezza tal-perjodu, jiġi li l-aġir seta' anke seħħ xi ftit jiem qabel nofs Awwissu. Ladarba l-kawża ġiet intavolata fil-25 ta' Ottubru 2000 - <u>cioe` xahrejn eżatt mis-26 ta' Awwissu 2000</u> - dawk l-għaxart ijiem (jew iktar) jitfgħu dubju serju fuq jekk il-kawża saritx *entro termine.*

**94.** In vista ta' dan kollu hija l-fehma ta' din il-qorti li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw l-allegazzjoni tagħhom li l-ispoll konsistenti fl-għeluq tal-passaġġ permezz ta' *chicken wire* seħħ fis-26 ta' Awwissu 2000. Anzi mill-provi li ressqu huma stess fir-rigward ta' meta seħħ tali aġir spoljattiv, l-indikazzjoni invece hija li seħħ qabel dik id-data. Għaldaqstant din il-qorti tqis li r-rekwiżit tal-*infra bimestre deduxisse* ma ġiex sodisfatt.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiċħad l-appell tal-atturi u qegħda tikkonferma l-konklużjoni tal-ewwel Qorti, in kwantu qegħda tiċħad it-talbiet tal-atturi, anke jekk abbażi ta' raġunijiet u konsiderazzjonijiet differenti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Registratur
mb